**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 7 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1017/01 AE**

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Mario Debattista**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta' tlett mija u sebgha u disghajn lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm397.22) hlas dovut ghas-servizzi rezi lill-konvenut in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 0949 6363.

Semgha lill-avukat Dr. Beppe Fenech Adami in rapprezentanza tas-socjeta attrici, jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li konvenut ghalkemm notifikat bl-avviz tat-talba baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher fis-seduti tat-2 ta' Novembru 2001 u tal-lum.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett mija u sebgha u disghajn lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm397.22). Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**